Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

Illum, l-10 ta' Dicembru 2020

**Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Jonathan Hili**

*Kumpilazzjoni numru: 433/2017*

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet migjuba fil-konfront ta' Jonathan Hili, ta' 23 sena, iben Simon Peter u Mary Theresa xebba Saliba, imwieled l-Pieta nhar it-12 ta' Gunju 1994 u residenti 253, Redentur Triq il-Liedna, Fgura u detentur tal-karta tal-Identita' numru 259694M.

Fejn hu gie akkuzat talli nhar id-9 ta' Lulju 2016 ghal habta tas-6.45 ta' filghodu, fi Triq il-Marfa l-Mellieha,

1) Waqt illi kien qieghed jsuq vettura tal-ghamla Toyota Passo, bin-numru tar-registrazzjoni KBT-612, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Andrea Debattista bi ksur tal-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi, insemmija qabel saq il-vettura tal-marka Toyota Passo, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz u dan bi ksur ta' Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tiskwalifika kull licenzja ta' sewqan ta' Jonathan Hili ghal perjodu ta' zmien li jidhrilha xieraq.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 25 ta' Settembru 2017, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tas-27 ta' Frar 2020.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jirreferi ghal incident li sehh fid-9 ta' Lulju 2016 ghall-habta tas-06.45 ta' filghodu, fi Triq l-Marfa, l-Mellieha u li fih l-imputat kien qed isuq vettura ta' l-ghamla Toyota Passo bin-numru ta' registrazzjoni KBT 612 u li bhala konsegwenza tieghu certu Andrea Debattista tilef hajtu. Illi dwar dan l-incident inzammet inkjesta, fil-kors ta' liema inhatru diversi esperti.

Illi sfortunatament hlief ghall-partijiet koncernati u passiggier li kien ma' l-imputat, ma kien hemm l-ebda xhud iehor li seta' jitfa dawl dwar kif sehh l-incident. Dan ifisser li l-unici persuni li setghaw jaghtu informazzjoni dwar kif sehh l-incident huma l-imputat u l-passiggier li kien mieghu certu Christian Borg, u bint il-vittma, fejn fil-fatt taw id-depozizzjoni taghhom quddiem l-esperti nominati f'l-inkjesta u anke quddiem din il-Qorti. Ghandu jinghad pero li l-provi migbura mill-esperti nominati u l-kostatazzjonijiet li ghamlu dawn l-esperti, kif ukoll il-provi migbura mill-Pulizija li nvestigaw dan il-kaz jistghu jghinu biex il-Qorti tkun tista' tasal ghal certi konkluzzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-27 ta' Lulju 2016, quddiem il-Magistrat Inkwirenti, xehdet Rachel Debattista[1], bint il-vittma, li minhabba fl-eta taghha xehdet minghajr gurament. Hi qalet illi kienet miexja ma' missierha sejrin lura fil-kamp li kien in-naha l-ohra tat-triq. Kienu mexjin, missierha fuq in-naha ta' barra tat-triq u kien qed izommhielha idejha u fuq in-naha taghha kien hemm il-haxix, meta f'daqqa wahda ghaddiet karrozza *gas down* li tahseb li kienet bajda, ezatt maghha u ma ratx lil missierha aktar hdejha u ppanikjat. Ix-xhud qalghet li bdiet tfittxu mbaghad rat lil missierha ma' l-art aktar il-quddiem bid-demm hdejn rasu. Hi ma wegghatx ghax il-karrozza messietha biss u kellha girfa. Ix-xhud qalghet illi hi ma semghatx lil karrozza gejja u lanqas semghat xi brake. Sa fejn taf hi ma kienx hemm karrozzi pparkjati fejn kienu mexjin hi u missierha. Wara li rat lil missierha ma l-art, hi bdiet tippanikja u kien hemm ragel li ghinha taqsam it-triq biex tmur fejn kienet ommha.

Illi fl-istess seduta xehdet Michelle Debattista[2] mart il-vittma, fejn qalghet illi hi, Andrea u t-tifla Rachel, kienu marru camping mill-Gimgha filghaxija mall-kugini tar-ragel li huwa l-vittma. Filghodu x'hin qamu Rachel kellha bzonn tuza t-toilet. Dan kien f'xi 6.15am-6.30am u peress illi l-letrina kienet maghluqa r-ragel taghha u cioe' Andrea Debattista ha lit-tifla n-naha l-ohra tat-triq. F'daqqa wahda ix-xhud semghet hoss qawwi hafna u wara ftit sekondi semghet lit-tifla tghajjat Daddy, Daddy u ghal bidu hasbet li gara xi haga lit-tifla. Wara semghet hoss iehor imma din kienet qisha habta ta' karozza. Joseph il-kugin tar-ragel taghha qalilha, zgur gara xi haga u mar jigri. Sadanittant ragel jismu Victor gabilha lit-tifla u ma hallihiex tmur fejn sehh l-incident, u fil-fatt hi ma rajt xejn. Ix-xhud qalghet li ndunat li gara xi haga, ghax kulhadd beda jevitaha u hadd ma taha risposta. Ix-xhud qalghet li r-ragel taghha kien jaf l-inhawi sew ghax kien jqatta's-sjuf kollha hemm man-nanna tieghu meta kien zghir ghax kellhom *caravan.*

Illi fis-27 ta' Lulju 2016, xehed ukoll Joseph Busuttil[3], l-kugin ta' Andrea Debattista fejn qal li hu jhobb jmur camping mal-familja fis-sajf, u Andrea kien thajjar li jmur mieghu. Hu kien ftiehem m'Andrea li kellhom jmorru jimxu filghodu, izda waqt illi kien qieghed jaghmel il-kafe ghal-habta tas-

[1] Fol.16
[2] Fol.127
[3] Fol 133

5.45am semgha hafna ghajjat ta' tifla. Kif semgha l-ghajjat jippersisti, resaq lejn l-ghajjat u ra lil Rachel u gharaf lil Andrea mill-flokk orange, fejn kien mixhut ma' l-art. It-tinda t'Andrea kienet magenb il-camper tieghu, izda kien il-boghod minn fejn sehh l-incident, u hu ma' ra jew sema' xejn, qabel semgha l-ghajjat tat-tifla. Kien hemm persuna jismu Vince Mintoff li ha lil Rachel hdejn ommha. Ix-xhud kompla jghid li x'hin mar fuq il-post ta' l-incident kien hemm gia tabib hdejn Andrea li kien kumbinazzjoni ghaddej bir-rota u dan it-tabib qal lix-xhud li Andrea kien mejjet. Joseph kompla jghid li meta habtet it-tieni karrozza gol-karrozza li kienet tajjret lil Andrea, hu kien fuq il-post, u Andrea kien gia ma' l-art. It-tieni karozza ma kellha x'taqsam xejn mal-incident fejn kien involut Andrea. Ix-xhud qal li kien hemm ragel iehor mas-sewwieq li kien involut fl-incident, imma ma semghax id-diskors li ntqal ghax kien mohhu fit-tifla. Hadd ma' caqlaq lil Andrea lanqas it-tabib, qabel ma' gew il-Pulizija. Meta sema' l-ghajjat hu kien barra l-camper u Michelle kienet barra bilqieghda vicin tieghu ghax hu kien qieghed jahsel il-camper.

Illi fl-istess seduta xehed Christian Borg[4], fejn qal illi dakinhar ta' l-incident, kien ghadda Jonathan Hili ghalih id-dar go Hal-Ghaxaq, ghal habta tas-5.45am biex jmorru Ghawdex. L-ewwel kellhom jmorru Ta' Pinu u wara jmorru jghumu u jinzlu lura bejn is-1300 u 1400. Fit-triq sa l-Ghadira ma kienux tkellmu dwar fejn kien Jonathan il-lejl ta' qabel. Hu kien sar jaf lil Jonathan f'Ottubru ta' qabel mill-laqghat ta' grupp religjuz, u saru hbieb tant li Jonathan kien jiftah qalbu mieghu. Jonathan kien ghadu kemm hassar minn mat-tfajla xi gimgha qabel fejn ix-xhud qal li Jonathan u t-tfajla ma' kienux ilhom aktar minn xahar flimkien. Ix-xhud kompla jghid li ma jafx li l-imputat kellu mard fil-familja, imma l-gimgha ta' qabel kien mar ma' Jonathan ghand psikjatra f'Birkirkara. Ix-xhud qal li kien hajjru hu lil Jonathan biex jmur, ghax kien rah baqa' ffisat fuq it-tfajla, ghalkemm hi ma riditux. Jonathan ma damx aktar minn kwarta ghand il-psikjatra u kien qal lix-xhud, li l-psikjatra kien ordnalu xi medicini imma ma jafx x'kienu ghax hu stennieh barra. Sa fejn jaf hu, Jonathan dakinhar biss kien mar ghand psikjatra. Jonathan ma kienx jghidlu kollox ghax darba kien semghu jghid lil habiba tieghu dwar problema bejn ommmu u missieru. Ix-xhud kompla jghid li hu u l-imputat kienu ftehmu li ser jmorru Ghawdex xi gimgha qabel. Jonathan mhux it-tip li jhobb johrog, johrog mieghu biss u jmorru l-festi ghax Jonathan jhobb il-festi. Gieli marru Paceville flimkien. Ix-xhud qal li

[4] Fol. 141

dakinhar ta' l-incident, meta dahal fil-karroza, Jonathan kellu r-radio mixghul u ma jiftakarax fuq xiex tkellmu izda ma tantx tkellmu, ghax hu kien ghajjien, imma Jonathan deher normali u kien qieghed jsuq normali, u ma kienx ghaddej bi speed u hu hassu safe mieghu. Ix-xhud qal li hu ma jsuqx, imma jahseb li kien ghaddej xi 70 kilometru fis-siegha u baqghu bl-istess velocita sa l-Ghadira. Kompla jghid li l-imputat kien ghaddej normali u f'daqqa wahda tfaccaw zewg persuni quddiemhom, ragel u mara, li kienu hdejn xulxin. Ir-ragel kien fuq in-naha ta' barra u kif rahom, Jonathan mill-ewwel habat go fih ghax ma kienx hemm hin u Jonathan dawwar ghan-naha l-ohra ghax kieku kien jolqot it-tifla ukoll. Ma kienx hemm karozzi ipparkjati imma kien hemm is-sigar. It-tifla kienet mas-sigar u r-ragel li kien libes flokk orango, kien l-barra mis-sigar. It-triq ghandha zewg karregjati u huma kienu sejrin lejn ic-Cirkewwa fuq in-naha tax-xellug, fuq in-naha tal-passigier. Ma kellhomx ghagla biex jilhqu l-vapur u Jonathan ma semmiex li kienu qeghdin tard. Ix-xhud jiftakar illi bid-daqqa tar-ragel inkissret il-hgiega tal-windscreen. It-tifla li kienet magenb ir-ragel ma intlaqtitx u Jonathan dawwar ghan-naha l-ohra biex jipprova jevithom u waqaf ftit metri il-quddiem fuq il-lane ta' barra. Il-bicca fejn jghaddu n-nies hija dejqa hafna. Ix-xhud gie muri pjanta immarkata Dok RA1 u fuqha immarka fejn kienet il-vettura ftit qabel l-incident u rega' immarka fejn kienet il-karrozza fuq ritratt immarkat bhala DOK JS2 li mmarka bil-kulur ahmar, li kienet fin-nofs tal-karregjata tax-xellug, izda ma setghax jiftakar ezatt fejn kienu z-zewg persuni imma jaf illi r-ragel gie quddiemu. Ix-xhud kompla jghid li wara nizlu mill-karrozza u Jonathan qallu biex jcempel lil ambulanza imma hu bblankja u fil-fatt Jonathan cempel ghall-ambulanza u pulizija. Ix-xhud jiftakar lit-tifla tibki u tghajjat. Jaf illi gie ciklist tabib u mar jipprova jaghti l-ghajnuna lil vittma imma ma jafx jekk xi hadd kienx messu lil Sur Debattista. Hu wara mar l-isptar bl-ambulanza ma Jonathan ghax kellu xokk, izda lilu ma kienux iccekjawh ghax ma kellux injuries. Christian kompla jghid li wara l-incident kienet dahlet karrozza ohra fil-karrozza ta' Jonathan, pero' dan gara wara u ghalhekk ma kellhiex x'taqsam ma l-incident.

Illi l-Ispettur Godwin Scerri[5] xehed ukoll fl-istess seduta u pprezenta zewg ritratti mmarkati bhala Dok GS1 li jindika l-post fejn bejn wiehed u iehor sar l-impatt u fil-fatt jidher li wara dakinhar sar xi xoghol, fejn tqacctu xi sigar, saru ukoll traffic lights u tnaddfet ukoll iz-zona mill-haxix

---

[5] Fol. 177

li kien hemm hiereg min-naha tax-xellug u GS2 li kien ha hu stess u li kienu ittiehdu dakinhar tal-incident fid-9 ta' Lulju 2016.

Illi fl-istess seduta quddiem l-Magistrat Inkwirenti, xehed l-imputat Jonathan Hili[6] li gurnata qabel l-incident, kien il-Gimgha, fil-5.00pm mar jaqta' xaghru u wara li mar id-dar jinhasel mar wahdu l-ewwel sal-festa tal-Fgura, wara mar il-festa ta' Hal Kirkop imbaghad il-festa tal-Gzira u telaq kmieni u kien id-dar ghal xi 10.00pm-10.15pm. Ghalkemm kien ghamel l-isveljarin ghal 4.30am, peress li kien miftiehem ma Chrisitian biex jitilghu Ghawdex kmieni, hu baqa' rieqed u mar ghal Christian xi 5.45am Hal-Ghaxaq. L-imputat spjega illi dam xi ghaxar minuti biex mar minn Rahal Gdid sa Hal Ghaxaq u xi erbghin minuta minn Hal Ghaxaq sa l-Ghadira. Kienu qabdu t-triq lejn c-Cirkewwa u hu saq fuq is-slow lane u bl-ispeed ta' bejn 60 u 65, fejn hu qal illi ma kienx hemm traffiku, imma kien hemm ftit karrozzi fit-triq. L-imputat spjega illi hu kien ilu jsuq kwazi tlett snin. Dakinhar ghaddew minn hafna speed cameras sakemm wasslu fit-triq tal-Ghadira. Wara dawra zghira, qisu tul ta' zewg karrozzi tal-linja, ra zewg persuni mexjin b'dahrhom lejh, li kienu l-vittma u t-tifla tieghu mexjin hdejn xulxin. Baqa' jsuq bl-istess speed u kif wasal vicin is-sigra goffa li taghti l-barra, t-tifla ghaddiet min tahtha u r-ragel hareg il-barra. L-imputat esebixxa ritratt li kienet hadet ommu minn fuq is-sit tal-ahbarijiet tat-TVM li gie mmarkat bhala Dok JH1, ritratti ohra mmarkati minn JH2 sa JH 10. Fir-ritratt immarkat bhala JH7 hu mmarka b'vlegga fejn kienu mexjin. Fuq Dok JH5 hu mmarka fejn kienet it-tifla meta ghaddiet minn taht is-sigra bl-ittra T u fejn kien ir-ragel meta hareg l-barra fit-triq biex jevita z-zokk bl-ittra R. X'hin rah hiereg l-barra, l-imputat dawwar l-isteering wheel biex jevita lil dan ir-ragel, fejn dak il-hin siehbu ghajjat u hu semgha hoss u qasam ghal fast lane u waqaf. L-imputat jghid li ma jiftakarx jekk ipprovax jaghfas il-brake. Spjega li hu hareg jigri mill-karrozza biex jaghti l-ewwel ghajnuna, u qal lil Chrisitian biex jcempel ghal pulizija u ambulanza u meta dan saqsieh ghan-numru, l-imputat qabad u cemplilhom hu stess. X'hin resaq vicin il-vittma it-tifla telqet tigri u qasmet it-triq wehedha. Waslet persuna hdejn il-vittma li kien ciklista u beda jassisti lil vittma, imbaghad mar fuqu u qallu biex jikkalma u saqsieh jekk ghandux xi lizar, imbaghad meta din il-persuna li kien tabib qal lil imputat li l-vittma kien miet beda jippova jzomm u jikkalma lil imputat. Meta l-imputat gie mistoqsi jekk hu indunax li l-vittma kien ser jkollu problema jghaddi minhabba li l-haxix johrog l-barra mill-linja, hu qal illi

[6] Fol. 180

dak il-hin ma tax kaz. L-imputat spjega li ma jafx kif laqat lil dan ir-ragel, imma hu kellu daqqa fuq il-fanal ta' quddiem, daqqa zghira fuq il-bumper u s-saqaf, il-windscreen, u l-mera tax-xellug. Ir-ragel kien miexi normali fejn f'daqqa wahda qabad u hareg il-barra mil-linja l-bajda, pero' ma harigx f'nofs it-triq. Hu kien ghaddej jsuq vicin din il-linja, inqas minn metru l-boghod u r-ragel l-ewwel kien miexi normali u mbaghad qabad u hareg minghajr ma ra kienux gejjin karrozzi. Hu ma jafux lil-vittma imma kien sar jaf li kien bnieden tajjeb hafna. L-imputat kompla jispjega illi hu ma kienx ikkonsma alkohol il-gurnata ta' qabel, fil-fatt kien xorob l-ilma fil-festa ghax hu ma jixrobx. L-imputat kompla jghid li hu jpejep xi kultant u jumejn qabel kien mar ghand il-psikjatra Mark Xuereb ghax kien rah fuq xarabank, ghax kien qieghed jkollu memorji ta' huh li kellu l-kancer xi tmien snin qabel u peress li kienu ssuspettaw li l-eks tfajla tieghu kellha l-kancer. Spjega li huma kienu nfirdu gimgha qabel l-incident, imma l-appuntament kien ghamlu qabel ma nfirdu ghax kien qieghed jkollu d-dwejjaq u jibki kuljum meta hasbu li t-tfajla kellha l-kancer. L-imputat qal li l-psikjatra kien tah il-pilloli, izda hu ma kienx hadhom ghax hass li kien qabad u taghhomlu wara li tkellem mieghu ghal ghaxar minuti biss u lanqas lahaq tkellem mieghu fuq it-tfajla. Fil-fatt il-psikjatra kien qallu biex jitkellem ma' psikologu l-ewwel qabel ma jiehu l-pilloli. L-imputat kompla jghid li hu kien jahdem bhala HR co-ordinator ma Ozo Group. Wara xi jumejn wara l-incident kien mar fuq il-post fejn sehh l-incident ma' missieru u beda jsuq bl-istess speed biex jipprova jiftakar ezatt x'kien gara u sab lil impjegati ta' Transport Malta jaqtghu s-sigar kollha u fil-fatt missieru kien ha ritratti fejn jidhru s-sigar maqtughin. Meta ipprovaw jiehdu ritratt wiehed mill-haddiema ma hallihomx. Ix-xhud spjega li ara l-incident fejn hu kien laqghat lis-Sur Debattista, ftit mumenti wara kienet dahlet karrozza fil-karozza tieghu minn wara. L-imputat tenna li kien iddispjacut hafna fuq dak li gara, kien jibki il-hin kollu u ma setghax jorqod u xtaq jghin lil mara tal-vittma.

Ill fir-relazzjoni tieghu l-Espert tal-Qorti l-Perit Richard Aquilina[7], ikkonkluda illi l-impatt bejn il-vettura ta' l-imputat u l-vittma sehh fejn kien hemm is-sigar jisporgu sew ghal fuq it-triq u ma kienx hemm bankina izda hemm spazju ta' parkegg delinjat b'linja bajda. Il-vettura kienet qieghda tinsaq f'cirka nofs il-karreggata ta' gewwa u fil-fehma ta' l-Espert ma rrizultax illi l-vittma kien waqaf u hares lura biex jara setghax johrog il-barra mill-passagg tieghu li kien ostakolat bis-sigar. Il-Perit

[7] Fol. 212 sa 327

Aquilina kompla jghid li dawn is-sigar gew mizbura xi jumejn wara l-incident.

Illi fir-relazzjoni tieghu l-Espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri[8] bhala espert fil-medicina forensika kkonkluda li l-vittma miet konsegwenza tal-impatt mal-vettura. Illi wkoll fl-awtopsja maghmula mill-Patologisti mahtura fl-inkjesta, Prof. M.T. Camilleri u Dr. Ali Safraz[9] ukoll ikkonkludew illi l-vittma miet bhala konsegwenza tal-griehi li sofra wara l-incident.

Illi PC 650 Justin Tabone[10] pprezenta r-relazzjoni tieghu li tinkludi 57 ritratt li ha ftit wara l-incident.

Illi fir-relazzjoni tieghu l-Espert tal-Qorti l-Inginier Jean Paul Azzopardi[11] ikkonkluda illi r-responsabilita tal-incident kellha tinqasam bejn l-imputat, l-vittma u persuni inkarigati mill-manutenzjoni tat-triq. Skond l-Inginier Azzopardi l-velocita li biha kien qieghed jsuq l-imputat, kienet ta' bejn 57km u 65km fis-siegha, li kienet velocita` xierqa ghat-triq partikolari fejn sehh l-incident, pero' l-Espert isostni illi l-imputat kien imissu aggusta l-pozzizjoni tieghu minhhabba fis-sigar li kienu jinvadu anke il-karregjata stess fejn kienet qed tigi misjuqa l-vettura ta' l-imputat. Il-vittma min-naha tieghu kellu jsib triq alternattiva stante li z-zona mill-linja l-bajda kienet ostakolata bis-sigar u apparti min hekk il-vittma flimkien ma' bintu kienu qed jimxu favur il-vetturi flok kontra. L-Espert izid ukoll illi l-manutenzjoni tat-triq ma kienx adegwat ghax is-sigar invadew iz-zona mill-linja l-bajda l-gewwa u kienu ukoll qeghdin jghattu tabella tat-traffiku li kienet tindika li hemm pelican lights 50 metru l-boghod.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-15 ta' Marzu 2018 xehdet WPS 148 Denise Camilleri[12], illi fid-9 ta' Lulju 2016 ghal habta tas-6.30am, waqt illi kienet fuq xoghol barra, kienet irciviet telefonata illi ittajret persuna gewwa l-Ghadira. Wara ftit irciviet telefonata ohra fejn giet infurmata illi l-persuna li ttajret kienet giet

[8] Fol. 328-358
[99] Fol. 360
[10] Fol. 364 sa 402
[11] Fol. 403 sa 542
[12] Fol. 12 et seq

ccertifikata li mietet minn tabib li kien ghaddej mill-post ta' l-incident fejn kien waqaf biex jaghti l-assistenza tieghu. Ix-xhud kompliet tghid li kien mar fuq il-post PC 109, mill-Ghassa tal-Mellieha fejn waqt li dan kien qieghed jitkellem max-xufier, vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBB 632, habtet fil-vettura li kienet involuta fl-incident. Irrizulta illi x-xufier tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBT612 Jonathan Hili, saq aktar il-fuq wara li tajjar il-vittma, u waqaf kif tispicca is-central strip u l-kadavru kien faccatta tal-Costa Del Sol fuq il-karreggiata ta' gewwa, fit-triq li taghti ghac-Cirkewwa. Ix-xhud kompliet tghid li fuq il-post kien hemm il-kugin tal-vittma, Joseph Busuttil, li ftit qabel l-incident kien qieghed fil-karavan tieghu mal-vittma u familjari ohra. Hu qal illi semgha lit-tifla twerzaq u meta ttawwal ra lil vittma mal-art. X'hin dan mar jigri fil-post ta' l-incident, t-tifla tal-vittma qaltlu li kienu ser jaqsmu u filli missierha kien hdejha u filli ma ratux izjed. Ix-xhud kompliet ghid li kien ghaddej tabib li waqaf jassisti lil vittma, fejn wara ccertifikah mejjet. Ix-xhud qalghet illi gie mitkellem ukoll Brizio Muscat, ix-xufier tal-vettura li habtet fil-vettura ta' l-imputat Jonathan Hili, li stqarr illi hu kien sejjer lejn ic-Cirkewwa u ra persuna mal-art fil-lane ta' gewwa, u kien hemm ragel f'nofs it-triq jippanikja, u ghalhekk hu qasam fuq il-lane ta' barra u habat gol-vettura ta' l-imputat biex ma jolqotx lill-vittma u r-ragel. Ir-ragel kien jidher taht xokk kbir. Is-Sur Muscat qal li t-tabib talbu jgib lizar biex jaghttu l-vittma. Ix-xhud kompliet tghid li gie infurmat l-Ispettur Godwin Scerri bl-incident fejn dan informa lil Magistrat tal-Ghassa Dr. Marseanne Farrugia li hatret esperti fosthom lil Perit Richard Aquilina, l-Enginier Jean Paul Azzopardi, Dr. Mario Scerri u Soco PC 650. Ix-xhud qalghet li tnehhew l-arlogg u c-curkett minn fuq il-vittma fejn gew mghoddija lil Perit Richard Aquilina. It-tabib Ray Grixti mill-klinika tal-Mosta ccertifika lil Andre Debattista mejjet u gie qassis li ta' l-assoluzzjoni lil vittma. Dr Grixti assista ukoll lil imputat Jonathan Hili, li kien taht xokk emozzjonali u lil familjari tal-vittma. Il-kadavru ittiehed fil-kamra mortwarja u l-karrozza ittiehdet mill-pulizija. Ix-xhud qalghet illi gie innotat illi l-vittma kellu zarbuna wahda u z-zarbuna l-ohra kif ukoll parti mill-mera tal-vettura, kienu aktar il-fuq fejn gew iffotograffati mis Soco. Jonathan Hili u l-passigier li kien mieghu gew mitkellma mill-Magistrat assistita mill-esperti. Ix-xhud qalghet illi meta kellmet lil Jonathan li kien jidher taht xokk, kien iddispjacut ghax beda jghid sorry, sorry, hu qalilha li kienet ghada kemm telqitu t-tfajla u hu kien inkwetat fuqha ghax kellha kancer u huh ukoll kellu kancer. Kien qalilha li l-Hamis ta' qabel kien mar ghand il-psikjatra Mark Xuereb. Ix-xhud kompliet tghid li t-tifla kienet intlaqtet bil-mera fejn kien raha Dr. Grixti fuq il-post, izda ma kellha ebda

certifikat. Fil-kontro ezami, ix-xhud ikkonfermat illi Jonathan kien taht xokk kbir tant li kien qieghed jitrieghed u jibki. Jonathan qalilha li kien sejjer Ta' Pinu biex jitlob imma ma ftakritx li kien qalilha minn fejn hareg il-vittma, pero' ziedet tghid li lil Christian Borg li kien passigier ma' l-imputat hi ma kellmitux.

Fl-24 ta' Jannar 2019 rega' xehed l-imputat Jonathan Hili[13] fejn qal illi hu kien jahdem bhala HR Coordinator mal-Ozone Group. Gurnata minnhom waqt illi kien ghax-xoghol cemplet omm l-ex tfajla tieghu biex tghidlu li it-tfajla li kellu ma kellhiex kancer. Hu kien ferah hafna ghax kien inkwetat, u l-ghada ftiehem ma siehbu biex jitilghu Ghawdex kmieni biex jirringrazjaw lil Madonna Ta' Pinu, u jerghhu lura fis-2.00pm ghax kienu miftehmin biex jmorru jghumu mal-hbieb l-Ghadira. Wara x-xoghol mar l-festa ta' Hal-Kirkop u tkellem ma' Dun Valent, u wara mar il-festa tal-Gzira u ltaqa' ma' habib tieghu u ha flixkun ilma, ghax hu ma jixrobx xorb alkoholiku. Wasal id-dar ghal habta ta' 9.30pm u raqad kmieni. Qam fl-4.45am u qabel ma telaq mid-dar cempel lil Chris biex jghidlu li kien sejjer ghalih l-Fgura, u pogga' l mobile fil-but u ghamlu silent ghax qatt ma juzah meta jsuq. L-imputat qal illi kien ilu jsuq tlett snin u qatt ma kellu incident u lanqas qatt ma qala' ticket. X'hin ghada minn Popeye Village innota x-xemx tiela' u ntefa' d-dawl tal-gvern, ghalkemm kien ghadu qieghed jisbah. Wara li kien ghadda id-Danish Village, innota li kien hemm is-sigar u f'sekonda ra xi haga minn nofs il-windscreen tan-naha tal-passigier u xxokja ruhu u pprova jaghfas il-brake imma ma' setghax jcaqlaq saqajh, kien minghajr sahha ghax kienet iffrizatlu. Siehbu Christian beda jghid Madonna, fejn hu ghalaq ghajnejh u dawwar l-isteering u semgha hoss qawwi gej minn quddiem u min-nofs tal-karrozza. X'hin fetah ghajnejh sab li kien fil-lane ta' barra u li l-windsreen fuq in-naha tal-passigier kien mkisser pero' hu kien ghadu ma jafx ma xiex habat. L-imputat kompla jghid li mill-mera ra lil xi hadd jwerzaq fi stat ta' paniku u xi hadd mal-art, u pprova jaghfas il-brake. X'hin hareg mill-karrozza waqa' mal-art ghax ma kellux sahha f'saqajh u kellu ugigh f'sidru u bil-kemm seta' jiehu nifs. Cempel lil 112 biex jibghatu ambulanza malajr ghax kien laqghat lil xi hadd. Ra tifla zghira hdejn il-persuna li kien ma l-art li telqet tigri fi stat ta' paniku, fejn hu mar hdejn il-vittma u qallu biex ma jinkwetax ghax l-ambulanza kienet gejja dalwaqt. Siehbu Christian beda jaghtih fuq wiccu ghax beda jippanikja u jwerzaq. L-imputat qal illi dak il-hin waqaf ciklista biex jaghti l-ghajnuna u lil

[13] Fol.30a

imputat saqsieh x'gara. Dan it-tabib talbu lizar u l-imputat aktar ippanikkja fejn x'hin saqsieh x'gara, qallu li l-vittma kien miet. L-imputat kompla jghid li dak il-hin telaq jigri u beda jwerzaq u zammu ic-ciklist, ghax hu beda jghidilhom biex ihalluh ha jmur jaqbez. Gie pulizija fejn l-imputat qallu li hu kien tajjru lil vittma fejn dan il-Pulizija ikkummenta illi kien ilu jghid li kienet ha tigri dizgrazzja hemm. F'dak il-hin l-imputat semagha hoss iehor, u ra li karrozza ohra kienet habtet f'tieghu u il-Pulizija qallu, *'qed tara dak lanqas ra l-karrozza tieghek wieqfa f'nofs triq ahseb u ara kif inti stajt tara bniedem'*. Sid il-karrozza li habtet fih, hareg u qallu biex jaghmlu bumper to bumper form, fejn l-imputat qallu biex jitkellem mal-Pulizija ha jigwidawh, ghax hu ma kellux mohh, u l-Pulizija qallu li hu ghal-Qorti. L-imputat kompla jghid li fuq il-post kien hemm il-familjari tal-vittma ippanikjati, l-Pulizija, Qassis u Tabib li ezaminah u qallu biex jmur l-isptar halli jezaminawh. X'hin dahal fl-ambulanza talab biex jkellem lil Pulizija u giet WPS 148 u qalilha biex jehdulu *breathalyser test* biex jkunu certi, fejn din il-Pulizija qaltlu li ma kienx hemm ghalfejn ghax kien jidher li ma kienx taht effett ta' xorb jew sustanza. L-ghada mar jkellem l-iSpettur u t-Tnejn mar ghand l-avukat li tah parir biex jerga' jmur fuq il-post halli jipprova jiftakar x'gara. L-ghada, it-Tlieta, li jigi jumejn wara l-incident, missieru qajjmu kmieni u marru fuq il-post fejn sehh l-incident. Hemm sabu bniedem jaqta' wires u jqatta bic-chaser il-haxix ta' fejn sehh l-incident. Hu hareg il-mobile biex jiehu ritratt u dan r-ragel heddu li jmur ghalih bic-chainsaw jekk jeihu xi ritratti u hu u missierhu bezghu u telqu. Wara xi saghtejn hu u l-papa tieghu reghu marru fuq il-post fejn missierhu ha ritratti tas-sigar mqattghin li pprezenta u gew mmarkati bhala Dok JHX1. Kien hemm ritratti ta' kif kienet it-triq qabel l-incident, li ttiehdu mill-internet waqt l-ahbarijiet. Is-sigar qabel l-incident kienu jidhru bi zkuk ma' l-art u wara l-incident inqata l-haxix, ghax minhabba kif kien l-haxix l-vittma ma setghax jimxi fuq il-bankina, u mill-linja l-bajda l-gewwa u kellu johrog fit-triq. L-imputat ezebixxa ritratti li gew mmarkati bhala Dok JHX2, u JHX3 li hadhom mill-website ta' TVM stess fejn kienet tidher il-karrozza tal-pulizija u l-karozza tieghu Toyota bajda li kienet tidher aktar il-fuq, fejn l-imputat spjega illi ma setghax jqwaqqafha ghax saqajh kienet saret silga, F'dan ir-ritratt tidher id-daqqa tal-karrozza u jidher kif kien il-haxix dakinhar li kien hemm mal-linja l-bajda fid-direzzjoni lejn ic-Cirkewwa. L-imputat kompla jghid li hu assuma li l-vittma kien mixi fuq in-naha ta' gewwa fejn il-haxix, ghax hu ma kienx rah, ghax kien miexi dritt b'velocita' ta' anqas minn 70 km fis-siegha. L-imputat pprezenta ukoll Dok JHX4 li juru li t-traffic lights twahhlu t-Tnejn ta' wara l-incident u

anke l-bankina kienet tidher issa ghax tqatta' l-haxix. Dakinhar ta' l-incident, fil-vicin, ftit l-fuq minn fejn gara l-incident, kien hemm l-arbli minghajr it-traffic lights. Is-Surgent li kien mar fuq il-post ta' l-incident kien qal lil imputat, illi kien qieghed jistenna li jsehh incident hemmhekk. Dak il-hin id-dawl tal-gvern kien mitfi. L-imputat kompla jghid li hu pprova jaghmel kuntatt mal-mara tal-vitma u xtaq jaghmel lapida fejn sehh l-incident, imma qatt ma tawh permess. Wara l-incident hu kellu jmur ghand psikjatra u psikologu u ghadu jmur, ghax jibki l-hin kollu u pprova jtemm hajtu hames darbiet, ghax jahseb il-hin kollu fuq il-vittma u jisma' t-twerziqa tat-tifla. Ilu sentejn gharus u lit-tfajla jghidilha illi jekk jizzewweg u jkollu dementia jista' jinsa lilha u lil uliedhom imma lil vittma ma jinsieh qatt.

Illi fid-9 ta' Mejju 2019, xehed Simon Hili[14], missier l-imputat, fejn qal illi l-incident gara nhar is-Sibt 9 ta' Lulju 2016, u nhar l-Erbgha 13 ta' Lulju 2016, mar ma' Jonathan fx'xi 6.00am, fil-post tal-incident biex Jonathan jiftakar x'gara dakinhar. Kif nizlu mit-triq tal-Qawra raw ragel qieghed jaqta' s-sigar fit-triq kollha ta' fejn kien gara l-incident. Ippruvaw jieqfu biex jiehdu ritratt ghax bezghu li l kienu ser jinbidlu l-affarijiet, izda dan ir-ragel kien aggressiv maghhom. Huma marru n-naha l-ohra tat-triq, pero' dan ir-ragel kompla jghajjat maghhom u beda jcepmel lil xi hadd. Filghaxija hu rega' mar mat-tifel iz-zghir, li jigi hu l-imputat, biex jiehu ritratt tas-sigar maqtughin, imma billi kien is-sajf kien hemm hafna karrozzi u ma setghux jiehdu ritratti. B'hekk marru il-Hadd 17 ta' Lulju 2016, fil-ghodu fis-6.00am u t-tifel tieghu David Hili kien irnexxielu jiehu r-ritratti mmarkati IA sa IJ peress illi ma kienx hemm karrozzi. Dawn juru s-sigar maqtughin u li ma kienux qed jigu ghan-nofs it-triq kif kienu qabel. Innota li t-traffic lights li kienu vicin ta' fejn gara l-incident kienu bdew jahdmu. Jonathan kien qallu li t-traffic lights ma kienux qed jahdmu dakinhar tal-incident.

Illi xehed ukoll Dr. Paul Sciberras[15] fejn qal li hu sar jaf lil Jonathan f'Awissu 2016, fejn beda jsegwih u jghinu biex jiddilja ma' trawma li sofra wara l-incident tragiku tad-9 ta' Lulju 2016. Kellu xi erba' sezzjonijiet ma' l-imputat, imma Jonathan kien ghadu mhux qieghed jiprocessa x'gara u fil-fatt ma baqax jmur ghandu. F'Jannar 2019 Jonathan rega' ghamel kuntatt mieghu u baqa' f'kuntatt regolari. Dr Sciberras spjega li l-imputat

---

[14] Fol.50

[15] Fol. 56

qieghed 'fully engaged' mat-terapija. Ix-xhud kompla jispjega li Jonathan jhoss sens ta' 'guilt' ghat-telfa tal-familja tal-vittma, kif ukoll l-impatt finanzjarju ghalihom u l-effett fuq il-familja tieghu ghalkemm ma kienx hemm irrisponsabilita' min-naha tieghu. Ix-xhud qal li Jonathan dejjem kien konsistenti fil-verzjoni tieghu ta' kif sehh l-incident, fejn jghid li kien sejjer Ghawdex mal-habib tieghu, u ma kellu ebda vizibilita' tas-Sur Debattista u ma kinitx sitwazzjoni fejn kellu jaghmel manuvra biex jevitah, ghax hu ma rahx qabel ma kien tard wisq u kien fuq il-windscreen. Jonathan jbati minn *post traumatic stress disorder* li tigi wara sitwazzjoni tragika, u fost il-karatteristici hemm anzjeta, depression, nuqqas ta' trankwillita u xi kultant disprament. Jkollu *flashbacks* fejn jerga' jisma u jhoss is-sitwazzjoni u holm relatat mal-incident. Dr Sciberras qal li l-imputat qieghed jaggusta ruhu ghax rega' mar lura ghax-xoghol u li jrid jindirizza dawn l-affarijiet, imma ghandu hafna bizghat li jista' jmur il-habs. Jonathan huwa persuna sensittiva u empatiku, hafna u fil-fatt xtaq jaghmel lapida u jissaportja lil familja tal-vittma finanzjarjament. L-imputat ddisskriva x'gara dakinhar lix-xhud fejn qallu li kien qieghed jsuq bil-mod fuq is-*slow lane* fil-ghodu ghal xi 6.00am u kien hemm tlugh tax-xemx. Kien sejjer Ghawdex biex jwettaq weghda ma Ta' Pinu ghax kien hemm suspett illi l-ex tfajla tieghu kellha kancer, imma kien sar jaf illi ma kienx kancer. Dejjem kien konsistenti illi ma setghax jara lil vittma ghax kien hemm is-sigar li jostakolaw l-vista.

Illi xehed Christian Borg[16] li sar jaf lil Jonathan f' Settembru 2015 fejn qal illi gieli kienu johorgu flimkien. Peress li hu ma kellux licenzja, kien jsuq Jonathan, u darba Jonathan irrifjuta li jtellghu fil-karrozza ghax kien xurban. Dakinhar tal-incident, Jonathan kien ghadda ghalih xi l-5.30am. Fil-karozza kien hemm il-muzika li kienet baxxa. X'hin wasslu l-Ghadira ix-xhud ra ragel u persuna femminili, u hu beda jwerzaq ghax rahom vicin il-karozza. Jonathan dar ghal fuq il-fast lane biex jipprova jevithom u sar l-impatt kollox f'daqqa. Waqqfu, u x'hin hareg mill-karrozza ra lit-tfajla tibki u twerzaq u lil vittma ma' l-art. Jonathan cempel lil Pulizija u x-xhud innota li l-windscreen kien ikkrekja. Ix-xhud rega' tenna li ma jiftakarx x'qal il-Pulizija meta wasal fuq il-post. Hu dam fuq il-post ma' Jonathan ghal xi saghtejn u mar ma' Jonathan l-isptar bl-ambulanza. Mistoqsi, ix-xhud qal li ma' jiftakarx kif kien il-haxix qabel l-incident. Ricentament kien rega' mar fuq il-post ma' l-imputat filghaxija, u ghalkemm kien ghadu dawl, ma hassux 'safe' ghax m'hemmx bankina.

[16] Fol. 61

Illi fl-10 t'Ottubru 2019, xehed PC 109 Nathan Theuma[17] illi fis-6.30am kien ircieva telefonata mill-ghassa tal-Qawra, fejn gie infurmat illi kienet ittajret persuna l-Ghadira. Hu mar wahdu fuq il-post ta' l-incident u ra persuna mixhuta ma' l-art u tabib magenbu li inzerta kien ghaddej, fejn qal lil PC 109 li l-persuna ma kellhiex polz. Fuq il-post ra lil imputat Jonathan Hili, li kien jidher li kien taht xokk qawwi u jitrieghed, tant li lanqas felah jitkellem u kien qieghed jtemtem hafna. PC 109 kompla jghid illi wara ftit granet minn meta sehh l-incident, ghamlu traffic lights fl-istess post fejn sehh l-incident. Dakinhar ix-xhud qal li hu cempel lis-Surgent u waqtli kien qed jaghmel dan, kien hemm vettura ghaddejja li habtet fil-vettura tal-imputat. Ix-xhud qal illi kien ghadu naqra dlam u t-triq kienet imdallma. Hu kompla jghid li dik it-triq perikoluza ghax kulhadd jkun mghaggel ghal vapur, u hemm bzonn li jigu installati speed cameras. PC 109 qal illi kien mar fuq incidenti ohra fl-istess post, izda qatt ma kien hemm mewt. Ix-xhud qal li l-imputat qallu li kien sejjer Ta' Pinu ma siehbu ghax kellu xi inkwiet dwar mard fil-familja. Fil-kontro ezami, ix-xhud qal illi kienu ghaddew xi 20 minuta meta il-vettura tat-terz habtet fil-vettura tal-imputat. Ghalkemm kien hemm hsarat, ma kinitx habta kbira.

Illi fit-23 ta' Jannar 2020 xehed it-Tabib Raymond Grixti[18] fejn informa lil Qorti illi huwa specjalista fil-kura tal-familja, u dakinhar ta' l-incident kien hiereg minn night shift fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta u ghal xi 7.30am kienet dahhlet sejha li kien hemm incident stradali serja l-Ghadira. Meta wasal fuq il-post ra l-kadavru ma' l-art u guvnot, li qallu li kien sejjer Ghawdex jaghmel xi weghda, ghax telqitu t-tfajla. Dan il-guvnott kien fi stat t'ecitament kbir u qallu li kien tajjar lil vittma, kien qieghed jibki, u jitrieghed, lanqas kien jiflah joqoghod fuq saqajh u kien iddispjacut hafna. Ix-xhud qal illi hu stress kellu jikkalma sabiex jaghti l-ahbar lil familja tal-vittma u li fuq il-post ta' l-incident kien hemm hu l-vittma li kien fi stat t' ecitament u rabja. Dr Grixti kompla jghid li hu cempel lil Kapillan tal-Mellieha u qallu biex jigi jaghti l-assoluzzjoni lil vittma. Kien hemm konfuzjoni shiha ghax kien hemm xi had li hassu hazin meta ra lil kadavru. Kellem lil imputat mall-kapillan u qalu talba flimkien. Ix-xhud qal li hu ma jiftakarx x'jismu l-imputat imma kien ghamel rapport u kien mar bih l-ghassa tal-Qawra. Hu kien talab ghal zewg ambulanzi wiehed ghal familjari tal-vittma u iehor ghall-imputat. Ix-xhud ftakar illi x'hin

---

[17] Fol. 77
[18] Fol. 84

wasal hu, kien gia sebah u kien dawl u li l-kadavru kien ma' l-art fin-naha tax-xellug tat-triq fid-direzzjoni lejn Cirkewwa u kien hemm haxix u sigar. Fil-kontro ezami ix-xhud jghid li ma jiftakarx jekk kienx hemm Pulizija x'hin wasal hu, izda jiftakar li kien hemm diversi nies u wara ftit wasal Dr. Mario Scerri mal-Magistrat fejn kien kellmu u qallu biex jnehhi l-affarijiet personali minn fuq il-kadavru. Jiftakar li kien hemm persuna ma' l-imputat imma hu ma kellmux u lanqas ezaminah. Ir-rapport tieghu kien dwar is-Sur Debattista, il-vittma, li kien ezamina u kien tilef hajtu wara incident tat-traffiku. Hu kien kiteb *ticket of referral,* biex meta l-imputat jasal l-isptar il-kollegi tieghu jkunu jafu x'gara ha jkomplu fuq il-kaz.

**Ikkunsidrat**

Illi mix-xhieda jirrizulta illi fid-9 ta' Lulju 2016, Jonathan Hili kien ghaddej fil-vettura tieghu flimkien ma siehbu Christian Borg fejn kienu fi triqthom lejn Ta' Pinu, Ghawdex. Andrea Debattista kien ghamel lejl go kamp mal-familjari tieghu l-Ghadira fejn filghodu akkumpanja lit-tifla tieghu Rachel sabiex taqdi l-bzonnijiet taghha, fejn Andrea u bintu Rachel kien qassmu it-triq ghan-naha l-ohra. Waqt illi kienu mixjin lura lejn il-kamp, Jonathan tajjar lil Andrea Debattista li kien mixi b'dahru lejn il-karrozzi. Is-sigar li kien hemm fuq in-naha tat-triq fejn kienu mexjin il-vittma u bintu, kienu jisporgu fuq il-passagg fejn kienu mexjin, u sahansitra f'certu partijiet anke kienu jisporgu ghal fuq il-karregjata ta' gewwa fid-direzzjoni lejn ic-Cirkewwa. L-imputat jghid illi hu lanqas kellu cans jaghfas il-brake ghax kif ra lil vittma, dan kien gia fuq il-windscreen u fil-fatt ma' ndunax x'gara qabel ma' hareg mill-karrozza. X'hin hareg ra kadavru ma' l-art u tifla twerzaq u tippanikja. Skond l-imputat kien hemm hafna sigar u haxix li kienu qeghdin jostakolaw il-bankina, u b'hekk ma setghax jara lil Andre. Fil-fatt ftit jiem wara dan l-incident fl-istess post fejn sehh is-sinistru, kienu inqatghu s-sigar u l-haxix u twahhlu t-traffic lights.

**Ikkunsidrat**

Illi rigward id-delitt ta' offiza involontarja, issir referenza ghas sentenza **Pulizija vs Louis Portelli;**[19]

---

[19]Pulizija vs Louis Portelli Appell Kriminali deciza 04.02.1961. Citati fis-sentenza Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri per Onor Magistrat Dr. Doreen Clarke deciza 28.02.2018

*li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi filkaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta ddiligenza tal-kaz konkret.*

Illi wkoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet illi:

*Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., irregolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.*

*.... Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta.*[20]

Illi rigward l-elementi kostittutivi tar-reat taht l-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Mustafa Gohar**[21] fejn il-Qorti kompliet fuq il-bran sovra citat;

*"Kif jispjiega l-gurista* ***Francesco Carfora*** *(Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta.*

......Id-definizzjoni tal-**Crivellari** fil-*Codice Penale* - Vol III hi bazata fuq l-istess postulati u hi din :

*"la colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto." (pagna 228, para. 32.).*

Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-nexus li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie deciz nhar **s-sbatax ta' Mejju, 1948** fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri** per Imhallef Harding li "*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist.*"

Fil-fatt jkompli jghid:

*"The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations."*

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu **Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286)** jghid:

---

[20] Pulizija vs Richard Grech deciza 21.03.1996. citata fis-sentenza Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri per Onor Magistrat Dr. Doreen Clarke deciza 28.02.2018

[21] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Nru. 107/2004, 20.11.2004, per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera, 20.11.2004, citata fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Il-Pulizija vs Fatih Pancar, per Onor. Magistrat Dr. Donatella M Frendo Dimech, Deciza 31.10.2017

*"E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*

Illi dwar l-obbligi tas-sewwieq kif ukoll dawk tal-'pedestrian' din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Robert Brincat**[22]

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo** 14.3.59; **Pul. vs. Wilson**, Vol. XXXIX p. 1018 u **Pul. vs. Alfred Vella**, Vol. XLIV; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham**, 19.10.1963). Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' recklessness" (App. Krim. Pul. vs. **Charles Farrugia** XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye "(App. Krim. Pul. vs. **Joseph Aquilina**, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. **Antonio Spiteri**, Vol. XLIV, p.892)

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali: **"The Police vs. Gunner Brian Wilson"** [7.5.1955] li:- "It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving." (ara ukoll f' dan is-sens: App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Manwel Mallia**" [9.3.1959] u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo** "[14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016, rispettivament)

Umbaghad fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes**" ([3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li;- "sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari ."

"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u nonkuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu." (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Charles Farrugia"** [5.3.1955] Vol.XXXIX, iv. p.978)

Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' Mallia u Bartolo fuq citati "kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit, kif lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz. Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."

[22] Deciza 22.11.2007 per Onor Imhallef Dr. Joseph Galea Debono. Vide ukoll mill-istess Qorti per Onor. Imhallef Dr. David Scicluna Il-Pulizija vs Mario Angelo Ernest Vincent Zammit, Deciza 30.09.2009 citata fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Il-Pulizija vs Fatih Pancar, per Onor. Magistrat Dr. Donatella M Frendo Dimech, Deciza 31.10.2017

Illi skond ir-regolament 89 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur, "...meta triq tkun immarkata b' linji bojod paralleli jew b' sinjali ohra biex juru post ta' qsim ghall-uzu ta' nies bil-pass, ilvetturi kolha li jkunu qed jersqu lejn dak il-post ghandhom imexxu bil-mod u, jekk ikun hemm bzonn, ghandhom jieqfu, biex ihallu lin-nies bil-pass jaqsmu dak il-post ta' qsim, u ma ghandhom f' ebda kaz jaqsmu l-passagg ta' xi nies bil-pass li jkunu qed juzaw dak il-post ta' qsim."

Umbaghad il-paragrafu 124 ta' "The Highway Code" jirrakkomanda li:- "When approaching a PEDESTRIAN CROSSING always be ready to slow down or to stop so as to give way to pedestrians; give them the right of way on these crossings...."

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti**" (Kollez. Vol. XXXVII, iv. p.1217) "ghandu jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tal-habta." u "Sabiex ikun hemm responsabbilta' ghallkollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni." (Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Nazzareno Micallef" [3.12.1960]). "Il-vjolazzjoni tar-regolamenti stradali ghandhom indubbjament l-importanza taghhom imma ma humiex bizzejjed biex jistabilixxu lhtija tal-kollizzjoni." (Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. V. Pavia" (Kollez. Vol. XXXVI, iv. p.744).

L-abbli difensur tal-appellant, ghalkemm mhux qed isemmiha espressament, donnu jidher li qed jinvoka ddifiza tas-"sudden emergency" ghax qed jallega li l-pedestrian qasmet meta d-dawl kien ahdar, haga li pero' lanqas qalha l-appellant lis- Surgent Gerada a tempo vergine. Issa pero', kif gie ritenut minn din ilQorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera**" [13.12.68]:

"Driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-"sudden emergency" meta l-emergenza jkun holoqha hu."

Gie ukoll ritenut li: "Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment." (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud**" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li:-

"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ." (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana**" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-

komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikuezza." (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. George Muscat"** [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

Gie ukoll ritenut li "ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.." "Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghid dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva." (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Formosa"** Kollez. XLIII, p.iv. p.1023). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha; eg. "meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Thornton"** Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Cassar Desain"** Kollez. Vol. XLVI . p.iv. p.765).

Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabiliet li f' kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru issegwenti kondizzjonijiet:-

a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistara il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;
b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;
c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."

Ikkonsidrat;

Kif gja intqal, l-appellant kien qed javvicina "pedestrian crossing" minn fejn facilment seta jipprevedi li qed jew ser jaqsmu n-nies......

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963]) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961]).

"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well." ("Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd." [1968])......

Illi mbaghad, anki kieku l-pedestrian forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam, dan ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex - apparti mill-fatt li fuq il-pedestrian crossing hi kellha tinghata precedenza mill-awtista - f' sede kriminali kull sewwieq

iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian f' dan il-kaz. (Ara Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano"**[3.11.1963] **"Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud"** (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il- "contributory negligence" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim."**Il-Pulizija vs. P.Vassallo**", [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]).

Umbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-pedestrian, .... dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar.

## Ikkunsidrat

Illi fid-dawl tal-gurisprudenza li qed issir referenza ghaliha, kif ukoll mir-rizultanzi processwali, din il-Qorti tista' tasal ghall-certu konkluzzjonijiet:

1. Illi l-imputat kien qed isuq bejn dlam u dawl kif qal hu stess fix-xhieda tieghu, *"X'hin wasalna Popeye Village nara x-xemx tiela kien hemm veduta ferm sabiha, niehu gost insuq, hassejtni qisni tifel gdid, dak il-hin tkun vera qed issuq b'mod rilassanti....... Dak il-hin ukoll intefa d-dawl tal-Gvern u go qalbi ghidt dan bis-serjeta daqshekk kmieni jintefa d-dawl tal-Gvern? Ghalkemm kien qed jisbah kien hemm cans li jhalluh ftit iehor mixghul"*[23]. Dan kien jirrikjedi li l-imputat jiehu aktar hsieb, u jsuq b'aktar attenzjoni u 'alertness' minhabba dawn il-kundizzjoniet.

2. Illi dak il-hin ta' l-incident, it-triq fejn sar s-sinistru kienet vojta u allura ma' kien hemm xejn li jirristringi lil imputat sabiex isuq fuq il-karregjata l-ohra u jevita s-sinistru, stante li kif xehed hu stess meta mistoqsi jekk kienx hemm traffiku, qal *"Le ma' kienx hemm"*[24]

3. Ma kienx hemm proper look out da parti ta' l-imputat Jonathan Hili u fil-fatt skond ix-xhieda tieghu stess jghid li *"Jien il-vittma ma rajtux imma nassumi ... kien miexi fuq-in-naha ta' gewwa fejn il-haxix....nassumi....ghax jien bqajt miexi dritt, filli tkun miexi dritt, u f'daqqa wahda tolqot xi haga nahseb jiena."*[25] Sewwieq li hu **'aware of his surroundings'** kien ikollu zmien bizzejjed biex anke jekk ma' jevitax is-sinistru ghal kollox, kien jevita l-konsegwenzi tragici tieghu.

[23] Fol. 30c
[24] Fol. 183
[25] Fol. 30k

4. Mix-xhieda ta' l-imputat jirrizulta b'mod kontradittorju ghal dak kif qal fix-xhieda tieghu msemmija f'punt Nru 3, illi hu kien diga' ra lil vittma u lit-tifla tieghu mexjin fil-genb tat-triq, *"Kien hemm dawra zghira, rajt zewg minn nies mexjin nahseb li huma, mhux nahseb, imma l-vittma u t-tifla tieghu. Bqajt insuq normali, bl-istess speed, kien hemm sigra taghti naqra l-barra, igifieri s-sigra kienet goffa naqra mhux hazin, it-tifla harget minn tahtha u s-Sinjur Alla jahfirlu harigli f'daqqa. Dak il-hin.....Kienu darhom lejja....Ma nahsibx li kont vicin hafna taghhom ghax rajthom mill-boghod... Kienu mexjin gol-linja l-bajda....Ifhem kont qed narhom, nahseb kwazi kienu wasslu vicin lejn is-sigra"*[26] . Stante dan l-imputat naqas milli jiehu dawk il-prekauzjonijiet necessarji sabiex jevita li jolqot lil dawn il-persuni stante il-kundizzjoni tat-triq fejn kienu mexjin il-vittma u bintu. L-Espert Inginier Jean Paul Azzoprdi fir-rapport tieghu jghid, *"Is-sottoskritt huwa ta' l-opinjoni li Hili kien qed isuq il-vettura bil-velocita' xierqa. Hili naqas mill-obbligu li jadatta s-sewqan tieghu ghac-cirkostanza u kundizzjoni tat-triq, billi jaggusta l-pozizzjoni tieghu ghal wahda addattata fuq il-karregjata minhabba li kien hemm is-sigar jinvadu mhux biss iz-zona mill-linja l-bajda l-gewwa izda wkoll f'xi partijiet il-karregjata innifisa..."*[27]

5. Illi f'dan l-incident hemm ukoll l-element ta' Negligenza Kontributorja da parti tal-Vittma. L-Espert Inginier Jean Paul Azzopardi fir-rapport tieghu jghid, *"Minn naha l-ohra s-sottoskritt jikkonkludi li Debattista kien jinsab il-barra miz-zona indikata b'sinjal abjad meta safa imtajjar. Dan sehh minhabba ostakoli f'din iz-zona, bhall-frieghi tas-sigar kif wiehed jistgha jara fi stampa numru 4 li ma hallewx il-facilita li wiehed juza z-zona mill-linja l-bajda l-gewwa biex jimxi fiha. Debattista kellu l-obbligu li jsib triq alternattiva, u jsegwi rakkomandazzjonijiet mill-'Highway Code' ta' Malta, billi jaqsam in-naha l-ohra tat-triq, minhabba li hu u t-tifla kienu qieghdin mexjin f'zona li kienet perikoluza minhabba n-nuqqas t'accessibilita ghaz-zona li wiehed possible jimxi fiha filwaqt li kienu mexjin favur il-vetturi u mhux kontra kif inhi rakomandat"*[28]

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Fatih Pancar**[29]

"Illi l-Highway Code jgħid is-sussegwenti għar-rigward il-pedestrian;

---

[26] Fol. 183 et seq.

[27] Fol. 424

[28] Fol. 424-425

[29] Deciza 31.10.2017 per Onor. Magistrat Dr. Donatella M Frendo Dimech,

Pedestrians għandhom jevitaw li jimxu f'toroq arterjali jekk ma jkunx hemm passaġġi għall-mixi jew hard shoulder. Toqgħodx titnikker bla bżonn fuq il-karreġġata. Ftakar li l-karreġġata qiegħda l-ewwel u qabel kollox biex jgħaddu minnha l-vetturi...."

Illi madanakollu hu risaput li fil-kamp penali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, dment li dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall htijiet da parti ta' haddiehor.

## Tkompli:

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Baskal Saliba:**

"L-appellant jinvoka wkoll in-negliġenza kontributorja tal-vittma. Hija ormai paċifika l-ġurisprudenza dwar l-effett tan-negliġenza kontributorja tal-vittma fuq ir-responsabilita' kriminali tal-imputat. In-negliġenza da parti tal-vittma ma twassalx għal xi forma ta' kompensazzjoni tal-ħtjiet b'mod li l-ħtija tal-vittma tannulla l-ħtija tal-imputat. Dan jista' jiġri fi proċeduri privati ċivili iżda ma hux ammissibbli fi proċeduri penali għalkemm in-negliġenza kontributorja tal-vittma tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-ġudikant meta jiġi biex jikkalibra l-piena f'każ ta' sejbien ta' ħtija fl-imputat. In-negliġenza ta' ħaddieħor ma teskludix in-negliġenza proprja sakemm ma tkunx deċiżiva tal-inċident u ċioe', in relazzjoni għall-komportament tas-suġġett passiv tar-reat il-ħtija tas-suġġett attiv tista' tiġi eskluża biss fil-każ li l-ħtija tas-suġġett passiv tkun l-unika kawża esklusiva tal-akkadut altrimenti jekk il-ħtija tal-vittma tkun biss konkorrenti u kontributorja, ir-responsabilita' kriminali tas-suġġett attiv tar-reat tibqa' l-istess, salva, f'sede kriminali, il-miżura tal-piena. Fil-każ odjern irriżulta li n-negliġenza li seta' kien hemm da parti tal-vittma ma kienetx il-kawża esklusiva tal-akkadut u għalhekk l-imputat jibqa' responsabbli kriminalment għal dak l-akkadut. B'danakollu li kien hemm negliġenza da parti tal-vittma irriżultat ukoll u għalhekk din il-Qorti ser tieħu dan in kunsiderazzjoni meta tiġi biex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant dwar il-piena."

## Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena marbuta ma' l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Neil Anthony Fenech**[30] fejn il-Qorti qalet:

*'Illi in propositu ghal piena, il-Qorti tosserva li r-reat huwa wiehed gravi, stante li n-negligenza u l-inkuranza kriminuza da parti tal-imputat kienet kagun tal- mewt ta' persuna. Minn naha l-ohra, pero' l-Qorti ma tistax tinjora l-eta' tal-imputat, kif ukoll il-fatt li ghandu fedina penali nettissima tieghu. Ghaldaqstant thoss li filwaqt li ghandha timponi piena karcerarja, din ghandha tkun sospiza ghal perijodu adegwat.*

30 Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Settembru 2001 (Kump. 17/00)

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Francis Vella**[31] il-Qorti qieset il-kontributorja u qalet:

*'Il-kontributorjeta' ta' George Cutajar trid tigi riflessa fil-piena. L-akkuzat qed jigi misjub hati li ma zammx 'a proper look out' u ta' sewqan negligenti ghax ma zammx il-prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali. Ma hemmx sewqan bla kont jew sewqan perikoluz. Hemm ksur tar-regolamenti tat- traffiku.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**[32]' ġie kkunsidrat illi:

*'L-appellant ghandu fedina penali nadifa u jidher li din hija l-ewwel darba li kiser difru mal-Ligi, mhux il-kaz li jintbaghat il-habs sabiex jirriforma ruhu. Ma jidhirx li hemm xi haga x'jigi riformat u ma hemmx dubju illi l-konsegwenzi tas-sewqan tieghu ser ikunu rimors ghalih li jrid jibqa' jghix bih tul hajtu kollha. Din hija piena fiha nnifisha u l-ebda perjodu l-habs ma jista jikkancella dan il-fatt. F'kazijiet ta' omicidju involontarju l-Qrati taghna kienu dejjem lesti jikkundanaw l-azzjoni imma meta tigi sabiex tikkundanna l-persuna, dejjem raw ic-cirkostanzi partikolari ta' dak li jkun u kemm il-persuna kienet propensa lejn il-kriminalita jew ma kinetx. F'dan il-kaz il-Qorti hija sodisfata illi l-appellant m'huwiex xi kriminal. Dan kien incident sfortunat illi halla konsegwenzi tragici izda biex issir gustizzja l-Qorti ma jidirlhiex illi ghandha tmur ghal-estremi tal-Ligi u tapplika l-piena ta' prigunerija effettiva.'*

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Fatih Pancar**[33] ghamlet rakommandazzjoni li jimponi obbligi fuq *pedestrians* fejn qalet:

*'Din il-Qorti tabraċċa u tagħmel tagħha r-rakomandazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex il-leġislatur jikkunsidra l-introduzzjoni ta' 'Pedestrian Offences' u dan fl-ambitu tal-Highway Code innifsu li jimponi obbligi mhux biss fuq is-sewwieqa iżda anke fuq pedestrians li jkunu qegħdin jużaw it-triq.*

*Din il-Qorti tissuġerixxi li għandu jkun hemm sanzjonijiet għal persuni li jagħżlu li jaqsmu minn punt partikolari ta' triq nonostante li jkun hemm pedestrian crossing jew punt aktar sikur minn fejn taqsam.*

*Għalkemm kif ġie kkunsidrat kien hemm kontributorjeta' da parti tal-parti leża meta naqas milli jaqsam minn fuq il-pedestrian crossing li kienet fil-viċinanzi, din il-kontributorjeta ma kinitx ir-raġuni esklussiva tal-inċident u għalhekk l-inċident setgħa jiġi evitat li kieku l-appellant kien qiegħed iżomm proper look out u li kieku ma kienx iqiegħed isuq b'mod eċċessiv, negliġenti, bla kont u perikoluż.*

*Għalkemm il-piena stabbilita' mill-Ewwel Qorti hija entro l-limiti tal-liġi, din il-Qorti tenut kont li anke mix-xhieda tal-psikologa Dr Valentina Bezzina irriżulta li l-appellant jaf is-serjeta' tal-akkadut tant li daħal f'trauma u dan l-akkadut affetwalu ħajtu u tenut kont tal-kontributorjeta tal-parti leża, din il-Qorti ma jidhirliex li għandha tmur għall estremi tal-Liġi u taplika l-piena ta' priġunerija effettiva.*

---

[31] Deciza 8.03.2006 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Joseph Cassar

[32] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali numru: 378/2012) Onor. Mhallef Michael Mallia

[33] Deciza 6. 11. 2018, per l-Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, Appell Nru. 455/2017

*Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell in parti, billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet ħtija tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra l-appellant, tvarjaha inkwantu tikkoncerna l-piena fejn filwaqt illi tħassarha fejn ikkkundannat l-appellant tnejn u tletin (32) xahar prigunerija effettivi u minflokk tikkundanna lill-appellant għal sentejn priġunerija u bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kodici Kriminali dan il-perjodu qiegħed jiġi sospiż għal żmien tlett snin mill-lum. Tikkonfermaha fejn iskwalifikat lil appellant minn kull liċenzja tas-sewqan tal-appellant għal perjodu ta' erba' snin."*

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti wara li semghet ix-xhieda, rat il-provi kollha mressqa quddiema, ghamlet diversi kunsiderazzjoniet inkluz gurisprudenza enuncjata, hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi din il-Qorti rigward, il-piena kkunsidrat illi ghalkemm l-agir tal-imputat, kien ta' natura kriminuza, stante sewqan traskurat u bla kont ghac-cirkostanzi li rrizultaw fl-incident odjern, fejn persuna tilfet hajjita, ma jilhaqx dak l-grad li jimmerita piena restrittiva tal-liberta personali, partikolarment meta bhal fil-kaz in dezamina kien hemm in-negligenza kontributorja tal-vittma.

Illi l-imputat ghandu fedina penali netta u l-Qorti m'ghandhiex dubju li diga qed ihallas ghal dan l-incident bl-effetti li halla fuqu psikologikament. Dawn il-fatturi, flimkien mas-sehem li seta' kellu l-vittma Andrea Debattista, jimmilitaw favur piena li tkun fil-minimu taghha.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti wara li rat **l-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, u l-**Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65** tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil <u>**imputat hati**</u> ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-**tnax-il xahar (12) xahar prigunerija**, illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin**.

Inoltre` ai termini tal-**Artikolu 15 (2) tal-Kapitolu 65** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lil imputat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' **sitt (6) xhur** dekorribbli millum.

Finalment b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 533 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputat ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €2,956.56 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin.



**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat